MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tas-17 ta' Jannar, 2008

Rikors Numru. 49/2000/1

**Kummissarju ta' l-Art**

**vs**

**Mary Said**

Il-Bord:

Ra r-rikors tal-Kummissarju tal-Art tas-16 t'Ottubru 2000 li jghid:

"Illi l-intimat gie notifikat b'Avviz ghall-Ftehim datat 24 t'Awissu, 2000 fejn gie infurmat li l-kumpens li l-awtorita' kompetenti hija lesta biex thallas ghax-xiri assolut bhala franka u libera tal-bicca art fl-Imsida tal-kejl ta' madwar 1,498 metri kwadri li tmiss mit-Tramuntana ma' sqaq pubbliku, mix-Xlokk ma' proprjeta' tal-werrieta ta' Rokku Abdilla u mill-Lvant ma' proprjeta' ta' Emanuel Zammit u ohrajn huwa ta' elfejn u hdax-il Lira Maltija u tmenin centezmu (Lm2,011.80) kif jidher mir-rapport tal-Perit Fred

H. Valentino A.&C.E. tat-3 t'Awissu, 2000 li kopja tieghu Dok A hija annessa ma' l-istess Avviz ghall-Ftehim.

Illi b'ittra ufficjali tat-28 ta' Settembru, 2000 l-intimat fost affarijiet ohra jiddikjara li ma jaccettax il-kumpens offert u jitlob li dan il-kumpens ghandu jkun ta' hamsa u tletin elf, disa' mija u tnejn u hamsin Lira Maltija (Lm35,952)

Ghaldaqstant ir-rikorrent jitlob bir-rispett li dan il-Bord joghgbu jordna lill-intimat biex jittrasferixxi favur ir-rikorrent b'titolu ta' xiri assolut bhala franka u libera l-bicca art fuq imsemmija, jiffissa kumpens relattiv, jinnomina lin-Nutar Vincent Miceli bhala Nutar tad-Dipartiment ta' l-Art jew lin-Nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att relattiv f'dik il-gurnata, hin u lok li dan il-Bord joghgbu jistabilixxi, jinnomina kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-att u jaghti l-provvedimenti l-ohra kollha mehtiega skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghal Skopijiet Pubblici (Kap. 88)

Ra wkoll ir-risposta tal-intimata li tghid:

"Illi bhal ma gia gie spjegat fl-ittra ufficjali tat-28 ta' Settembru, 2000, in risposta ghall-Avviz ghal Ftehim mibghut mir-rikorrent, l-esponent qed titlob is-somma ta' hamsa u tletin elf disa' mija u tnejn u hamsin lira Maltin (Lm35,952.00c), bhala kumpens, oltre l-imghaxijiet relattivi, u dan skond rapport redatt mill-perit arkitett Shirley Mifsud minn fejn jirrizultaw id-dettalji tal-kumpens pretiz mill-esponenti, li kopja tieghu qed tkun immarkata bhala Dok MS 1."

Semgha x-xhieda bil-gurament;

Semgha lid-difensuri tal-parijiet;

Ikkunsidra:

Illi l-membri teknici tal-Bord l-Perit AIC David Pave u l-Perit AIC Joseph M. Jaccarini wara li hadu konjizzjoni tal-fatti kollha tal-kaz waslu ghas-segwenti konkluzzjonijiet

skond id-decide taghhom li hija annessa ma' din is-sentenza:

Ghalhekk il-valur taghha fiz-zmien meta nharget tali Dikjarazzjoni ghall-Ftehim fil-24 ta' Awissu 2000 kellu jkun ta' wiehed u ghoxrin elf u seba' mija u hamsa u ghoxron liri ta' Malta(Lm21,725.00)

Illi l-ammont ta' Lm21,725.00 illum huwa ekwivalenti ghall-Euro 50605.64;

Illi l-perit arkitett tal-awtorita tal-art kien ghamel stima tal-art fl-ammont ta' Lm2,011.80 fil-waqt illi l-perit arkitett tal-intimata iddikjarat illi l-valur rejali tal-art huwa ta' Lm35,000;

Illi ai termini tal-artikolu 25(5) tal-Kap 88, la darba l-membri teknici tal-Bord ikunu waslu ghal valutazzjoni unanima c-Chairman ghandu jakkolji dik il-valutazzjoni u jiddetermina l-kawza fuq dak il-valur;

Ghal dawn il-mottivi, il-Bord jilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u jordna lill-intimati jitrasferixxu bhala libera u franka b'titolu ta' xiri assolut, l-bicca art fl-Imsida tal-kejl ta' madwar 1,498 metri kwadri li tmiss mit-Tramuntana ma' sqaq pubbliku, mix-Xlokk ma' proprjeta' tal-werrieta ta' Rokku Abdilla u mill-Lvant ma' proprjeta' ta' Emanuel Zammit u ohrajn bil-kumpens ta' **Euro 50605.64**. Jahtar lin-Nutar Dr. Vincenti Miceli bhala Nutar tar-rikorrenti jew in-nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att fis-26 ta' Frar, 2008 fit-3.00pm fl-ufficju tar-rikorrent u jahtar lill-avukat Dr. Marco Ciliberti biex jidher fuq l-att ghall-eventwali kontumaci li ghandu jkun mgharraf bil-hatra tieghu bil-miktub mir-rikorrenti. L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-partijiet fi proporzjon li d-differenza fl-ammont offrut mill-awtorita kompetenti u dak hekk stabbilit mill-Bord ikollhom ghad-differenza fl-ammont mitlub mis-sid u l-ammont stabilit mill-Bord.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------